

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1095****tat-2 ta' Lulju 2021****li tistabbilixxi l-metodoloġija għall-allokkazzjoni tal-kostijiet relatati mal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn permezz tan-NextGenerationEU**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-kuntest tar-rispons għall-kriżi tal-COVID-19, il-pakkett għall-irkupru tan-NextGenerationEU ("NGEU") ġie adottat biex jiffinanzja inizjattivi ta' rkupru, filwaqt li jiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-programmi tal-NGEU huma daww il-finanzzjati skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 <sup>(3)</sup>, dment li jimplementaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq kapitali f'isem l-Unjoni, sa EUR 750 000 miljun fi prezzijiet tal-2018, li minnhom sa EUR 360 000 miljun fi prezzijiet tal-2018 jistgħu jintużaw għall-għoti ta' self u sa EUR 390 000 miljun fi prezzijiet tal-2018 jistgħu jintużaw għan-nefqa.
- (3) Skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053, il-ħlas lura tal-kapital tal-fondi missellef biex jintuża għan-nefqa u l-imgħax relatat dovut għandu jsir mill-baġit tal-Unjoni.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 u mal-Artikolu 220(5), il-punt (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, il-kostijiet relatati mas-self ta' fondi għas-self ipprovdut skont ir-Regolament (UE) 2021/241 jenħtieġ li jitħallsu mill-Istat Membru benefiċjarju.
- (5) Bl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU, il-kapital ma għadux jinġabar abbażi tat-tranżazzjoni li tkun. Skont dan il-mudell, il-kostijiet tal-finanzjament kienu identifikabbli b'mod ċar u marbuta ma' tranżazzjoni speċifika ta' teħid ta' self, u l-kostijiet relatati setgħu jiġu ttrasferiti lill-benefiċjarju tas-self flimkien mar-rikavat mit-tranżazzjoni ta' teħid ta' self. Min-naħa l-oħra, bl-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tal-NGEU, l-iżborżi permezz tal-NGUE għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' rikors għal ġabra unika ta' fondi, magħmula minn strumenti ta' finanzjament ta' terminu qasir u twil, li minnhom jittieħdu r-riżorsi meta jkun meħtieġ li jsiru żborżi favur il-benefiċjarji. L-istrateġija diversifikata ta' finanzjament tiżgura l-aktar termini vantaġġużi meta jittieħed self ta' ammonti sinifikanti ta' fondi b'maturitajiet differenti. Għaldaqstant, huwa meħtieġ approċċ speċifiku biex jiġu kkalkulati u assenjati l-kostijiet kondiviżi marbuta ma' kull żborż fuq bażi ġusta, ekwa u trasparenti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.<sup>(2)</sup> ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (6) Sabiex jiġi żgurat dan l-approċċ ġust, ekwu u trasparenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni timplimenta metodoloġija komuni u unifikata għall-ispejjeż, applikabbli kemm għall-iżborżi relatati mas-self kif ukoll għal dawk relatati mad-dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094.
- (7) Għandha tintuża metodoloġija ġdida għall-allokkazzjoni tal-ispejjeż li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda sussidju inkroċjat għall-kostijiet minn kategorija waħda ta' benefiċjarji li jintuża minn kategorija oħra. Il-kostijiet tat-teħid b'self attribwiti għas-self jenħtieġ li jiġu imputati b'mod sħiħ lill-Istati Membri li jibbenefikaw minn self skont ir-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet tat-teħid b'self attribwiti għad-dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094 għandhom jiġu attribwiti bis-sħiħ lill-baġit tal-Unjoni abbażi tal-ispejjeż reali mġarrba għall-ġbir u l-iżborż tas-sehem rispettiv tar-rikavati lill-benefiċjarji differenti. Il-metodoloġija jenħtieġ li tkopri l-kostijiet kollha mġarrba mill-Kummissjoni għas-self permezz tal-NGEU, inklużi l-ispejjeż amministrattivi kollha, u għandha tiżgura li kategoriji differenti ta' kostijiet jiġu kkkalkulati għal kull żborż.
- (8) Dan il-kalkolu tal-kostijiet u l-metodoloġija tal-allokkazzjoni jenħtieġ li jiddistingwu bejn tliet kategoriji ta' kostijiet. L-ewwel wieħed huwa l-kost tal-finanzjament li jirriżulta mill-imgħax u tariffi oħra li l-Kummissjoni trid tħallas fuq l-istrumenti differenti maħruġa biex tiffinanzja l-iżborżi inkwistjoni. It-tieni huma l-kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità li huma l-kostijiet imġarrba bħala riżultat tal-ammonti miżmuma temporanjament fil-kontijiet tal-likwidità bħala riżervi biex jiġu ssodisfati l-pagamenti li ġejjin. It-tielet huma l-ispejjeż amministrattivi tal-bini u ż-żamma tal-kapaċità teknika u operazzjonali biex tiġi implimentata strateġija diversifikata ta' finanzjament.
- (9) Il-kalkolu tal-kost tal-finanzjament li jirriżulta minn tranżazzjonijiet ta' teħid ta' self fit-tul jenħtieġ li jkun abbażi tal-kostijiet li jirriżultaw mill-operazzjonijiet kollha ta' teħid ta' self imwettqa matul il-perjodu ta' sitt xhur li matulu, bħala regola, ikun hemm id-data tal-iżborż. Din il-kompartimentalizzazzjoni f'perjodi ta' sitt xhur hija ġustifikata mill-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kostijiet ta' finanzjament iddebitati għall-iżborż ikunu marbutin mill-qrib mar-rati prevalenti tas-suq fiż-żmien ta' meta dan isir, u mhux abbażi tal-kostijiet ta' finanzjament li jiġġarrbu f'xi perjodu ta' żmien 'l bogħod. B'dan il-mod, l-istrumenti ta' finanzjament, u l-kostijiet relatati, jiġu allokatil lil kompartimenti rilevanti. Il-ġabra preċiża ta' strumenti ta' finanzjament hija stabbilita biss fl-għeluq tal-perjodu ta' sitt xhur. Dan għandu jippermetti l-applikazzjoni tal-istess kost tal-finanzjament għal kwalunkwe żborż simultanju attribwit għall-istess perjodu ta' żmien u għandu jiżgura b'mod partikolari approċċ ġust, ekwu u trasparenti bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri u l-baġit tal-Unjoni għad-dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2020/2094 jenħtieġ li jħallsu sehemhom. Dan jevita l-arbitrarjetà jew il-ħtif ta' opportunità li kienu jkkaratterizzaw is-sistema tradizzjonali back-to-back fejn il-kostijiet għal xi benefiċjarju partikolari kienu t-termini li setgħu jinkisbu f'jum partikolari li fih jkun sar is-self. Minbarra l-ewwel perjodu ta' żmien, li jenħtieġ li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021, kull perjodu ta' żmien jenħtieġ li jkopri l-perjodu ta' sitt xhur li jibda mill-1 ta' Jannar jew mill-1 ta' Lulju. L-aħħar perjodu ta' żmien attiv jenħtieġ li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2026, li jirriżulta fi ħdax-il perjodu ta' żmien. Il-perjodi taż-żmien jenħtieġ li ma jibqgħux jeżistu ladarba jseħħ il-ħlas lura kollu tal-iżborżi ffinanzjati.
- (10) Filwaqt li r-rati tal-imgħax mitluba lill-benefiċjarji tas-self se jkunu stabbli, se jkun hemm ir-rikalkolu perjodiku u marġinali tar-rati meta l-istrumenti li jimaturaw fil-finanzjament kollettiv jeħtieġ li jiġu sostitwiti. Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-kapaċità tagħha li tuża derivattivi bħal swaps biex timmaniġġja kwalunkwe riskju tal-imgħax li jifdal u toffri l-opzjoni ta' self b'rata tal-imgħax fissa lill-Istati Membri. Il-kostijiet ta' din il-faċilità b'rata tal-imgħax fissa jenħtieġ li jiġġarrbu b'mod sħiħ u esklużiv mill-Istati Membri li jeżerċitaw din l-opzjoni.
- (11) L-ammonti ta' żborżi f'perjodu ta' żmien jenħtieġ li jkunu daqs l-ammont tal-istrumenti ta' finanzjament fit-tul attribwiti għal dak il-perjodu ta' żmien. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-iżborżi tar-rikavati jseħħu u jiġu attribwiti għall-istess perjodu ta' żmien tal-ħruġ tal-istrumenti ta' finanzjament fit-tul użati biex jiġi ġġenerat id-dħul. Madankollu, dewmien mhux previst biex isiru l-iżborżi jista' jirriżulta f'sitwazzjonijiet fejn id-dħul tal-finanzjament fit-tul jkun ġie ġġenerat, iżda ma jkunx jista' jiġi żborżat kif skedat inizjalment. F'dan il-każ, l-iżborż jista' jiġi ttardjat u jseħħ matul il-perjodu ta' żmien ta' wara. Madankollu, jekk il-fondi għal dawn il-ħtiġijiet ta' finanzjament partikolari jkunu diġà nġabru u ġew attribwiti għal perjodu ta' żmien preċedenti, dawn ma jistgħux jintużaw għal ħtiġijiet oħra f'dan il-perjodu ta' żmien. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu attribwiti l-iżborżi

relatati għall-perjodu ta' żmien li għalih ikunu ġew attribwiti l-istrumenti ta' finanzjament. Jenħtieġ li jkun ugwalment possibbli li l-istrumenti ta' finanzjament fit-tul tal-perjodu ta' żmien li jkun imiss jiġu attribwiti għall-perjodu ta' żmien preċedenti f'każ li l-ammont ta' strumenti ta' finanzjament fit-tul ta' dak il-perjodu ta' żmien ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ammont ta' żborżi.

- (12) Il-Kummissjoni se jkollha wkoll tantiċipa, fil-perjodi ta' żmien preċedenti, il-ħtiġijiet tal-iżborżi li jinqalgħu kmieni fil-ħajja tal-perjodu ta' żmien li jmiss. Sabiex ikunu koperti sitwazzjonijiet bħal dawn u jiġi żgurati li l-Kummissjoni jkollha r-riżorsi disponibbli b'termini vantaġġużi biex tagħmel l-iżborżi li jseħħu qrib it-tranżizzjoni bejn il-perjodi ta' żmien, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tattribwixxi l-istrumenti ta' finanzjament fit-tul għall-perjodu ta' żmien li jkun jmiss.
- (13) Il-kapaċità li tiġi ġestita l-likwidità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament permezz ta' aċċess għal self għal terminu qasir u ż-żamma ta' flus għal finijiet prudenżjali hija karatteristika ċentrali u li tiddefinixxi l-istrateġija diversifikata ta' finanzjament. Din il-ġestjoni tal-likwidità se tippermetti lill-Kummissjoni biex tissodisfa l-ħtiġijiet kollha ta' pagament u tadatta l-ħruġ għall-kundizzjonijiet tas-suq. Din il-kapaċità twassal għall-kostijiet ta' ġbir ta' rikavati permezz tal-ħruġ ta' kambjala ta' terminu qasir, u ż-żamma ta' xi rikavati fuq bażi temporanja fuq kont tal-likwidità sabiex tiġi garantita l-kapaċità li jsiru l-pagamenti kollha meta jkun hemm talba. Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tistabbilixxi bażi għall-kalkolu ta' dawn il-kostijiet ta' likwidità u l-impożizzjoni tagħhom fuq bażi ġusta u ekwa fuq il-benefiċjarji rilevanti kollha tar-rikavati matul is-sena inkwistjoni.
- (14) Ħtiġijiet ta' żborż ogħla mill-ammont ta' strumenti ta' finanzjament fit-tul allokatu għall-perjodu ta' żmien rispettiv jew għall-pagamenti tal-imgħax jistgħu jirriżultaw f'defiċit ta' likwidità għall-perjodu ta' żmien. Ħtiġijiet ta' żborż aktar baxxi mill-ammont tal-istrumenti ta' finanzjament fit-tul allokatu għall-perjodu ta' żmien rispettiv jew pagamenti ta' tiffidja riċevuti mill-NGEU fir-rigward tal-iżborżi pendenti allokatu għall-perjodu jistgħu jirriżultaw f'surplus ta' likwidità. Il-kumpens ta' dawn is-surpluses jew defiċits tal-likwidità huwa rekwiżit inevitabbli tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament tal-NGEU. Jenħtieġ li dawn il-kostijiet ma jiġġarrbux mill-kompartimenti tal-perjodi ta' żmien rispettivi, iżda jenħtieġ li jiġu iżolati u ġestiti bħala parti minn kostijiet distinti tal-ġestjoni tal-likwidità. Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu biex jitneħħew l-ispejjeż li jirriżultaw minn defiċits jew surpluses ta' likwidità sabiex ikunu jstgħu jiġu assorbiti mill-programm ta' finanzjament usa' fil-forma ta' kostijiet tal-ġestjoni ta' likwidità. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-kompartiment tal-ġestjoni tal-likwidità biex jiġi bbilanċjat kwalunkwe bilanċ ta' flus pożittiv jew negattiv fil-perjodi ta' żmien għall-ammont totali ta' żborżi.
- (15) L-implimentazzjoni tal-istrateġija diversifikata ta' finanzjament teħtieġ l-akkwist ta' kapaċitajiet ġodda meħtieġa biex jinkiseb l-aktar aċċess vantaġġuż għas-swieq kapitali u biex tiġi żgurata l-manutenzjoni ta' tali infrastruttura b'mod kontinwu u effettiv. Dan jinkludi l-kostijiet meħtieġa biex jinżammu l-kontijiet tal-likwidità, biex tinkiseb il-kapaċità biex isiru rkanti għall-kambjali u l-bonds tal-UE u biex jiġu implimentati kapaċitajiet interni ġodda għall-ipproċessar tad-*data*. Tali kostijiet li jirriżultaw direttament mill-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji u ta' żborż tal-NGEU jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala spejjeż ġenerali li jiddistingwu l-kostijiet relatati mal-istabbiliment u l-manutenzjoni tal-infrastruttura ta' self u pagament tal-NGEU. Dawn il-kostijiet għandhom jiġu koperti mill-kost tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi.
- (16) Il-kost tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi jiġbor fih l-ispejjeż amministrattivi kollha mġarrba direttament bl-implimentazzjoni tal-NGEU. Dawn il-kostijiet għandhom jiġġarrbu jew bħala kostijiet tal-istabbiliment, relatati ma' kostijiet ta' darba għall-bini ta' ċerti kapaċitajiet operazzjonali jew bħala kostijiet rikorrenti li huma kostijiet inevitabbli direttament attribwibbli għall-operazzjonijiet tal-NGEU u li jseħħu maż-żmien.
- (17) Filwaqt li l-kostijiet rikorrenti jenħtieġ li jiffurmaw il-parti ewlenija tal-kostijiet annwali regolari ddebitati għall-iżborżi li jseħħu f'sena partikolari, il-kostijiet tal-istabbiliment jenħtieġ li jkunu tariffi ta' darba.

- (18) L-ispejjeż amministrattivi inklużi fil-kost tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi jenħtieġ li jkunu limitati għal lista magħluqa ta' kostijiet relatati direttament mal-NGEU. Il-kost aggregat tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi jirrappreżenta sehem limitat ħafna tal-kostijiet aggregati mill-operazzjonijiet tal-NGEU. Il-Kummissjoni għandha ttwettaq konsultazzjoni xierqa, inkluż mal-esperti tal-Istati Membri, qabel ma testendi l-lista tal-ispejjeż amministrattivi jekk tinqala' xi ħtieġa ġustifikata fil-futur. Tali konsultazzjoni għandha wkoll ssir qabel il-modifika ta' aspetti oħra ta' din il-metodoloġija li jinfluwenzaw il-kostijiet li għandhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni jew mill-Istati Membri.
- (19) Il-proċess ta' fatturazzjoni *ex post* jenħtieġ li jiffassal b'tali mod li jiżgura li l-kostijiet jiġu rkuprati mill-2022 u sal-mument li l-ispejjeż ma jibqgħux jiġu ġġenerati minn operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU.
- (20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ avviż ta' konferma fir-rigward ta' kull żborż, kemm jekk għad-dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094 kif ukoll għal self mogħti lill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2021/241 ("is-self permezz tal-RRF").
- (21) Is-self skont ir-Regolament (UE) 2021/241 għandu jiġi implimentat fuq termini finanzjarji standard (il-profil ta' maturità u ta' ripagament) għal kull żborż li jsir lill-Istati Membri. Għall-iżborżi għal dħul assenjat esternament skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094, l-avviż ta' konferma jenħtieġ li jkun l-element ewlieni ta' appoġġ li jiddetermina dawn it-termini finanzjarji għall-Baġit tal-UE. L-avviż ta' konferma għandu jiddetermina t-talba għall-kostijiet fuq il-bażi tat-termini finanzjarji tiegħu. Dawn it-termini jenħtieġ li jinkludu d-data tal-iżborż, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju, id-data tal-pagamenti tal-kost tal-finanzjament tad-dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094.
- (22) Ir-referenzi xierqa fil-ftehimiet tas-self iffirmati mill-Istati Membri jispeċifikaw li l-kostijiet tal-iżborżi huma ddeterminati bl-applikazzjoni tal-metodoloġija stabbilita b'din id-Deċiżjoni.
- (23) Il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet tiddetermina l-metodu tal-kalkolu tal-kostijiet tas-self imġarrba kemm mill-baġit f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 kif ukoll mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Għaldaqstant, dan jikkostitwixxi arranġament għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self skont it-tifsira tal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 u tal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (24) Sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni uniformi tal-kostijiet fil-pakkett ta' rkupru tal-NGEU, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Ġunju 2021. Peress li din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tranżazzjonijiet ta' teħid b'self u żborżi permezz tal-programm tal-NGEU li jkunu seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni għal self skont ir-Regolament (UE) 2021/241 lill-Istati Membri jenħtieġ li sseħħ mad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' self rilevanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### TAQSIMA 1

### SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U REGOLI ĠENERALI

#### Artikolu 1

#### **Suġġett u prinċipji regolatorji**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi metodoloġija unika u unifikata biex jiġu allokati l-kostijiet tal-finanzjament, tal-ġestjoni tal-likwidità u tas-servizzi għall-ispejjeż amministrattivi mġarrba b'riżultat tal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn imwettqa permezz tal-programmi ffinanzjati skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2020/2094, dment li jimplementaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.

2. L-implimentazzjoni tal-metodoloġġja għall-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ġustizzja u tat-trattament ugwali, billi jiġi żgurat li l-kostijiet jiġu allokati fuq il-bażi tas-sehem relattiv tal-appoġġ riċevut.

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "strumenti ta' finanzjament" tfisser bonds, noti, kambjali kummerċjali, kambjali tat-teżor jew kwalunkwe tranżazzjoni finanzjarja xierqa oħra fuq terminu qasir u/jew twil maħruġa skont l-istrateġija ta' finanzjament tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU;
- (2) "ftehim ta' self permezz tal-RRF" tfisser ftehim bejn il-Kummissjoni u Stat Membru skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2021/241;
- (3) "żborż" tfisser kwalunkwe żborż lil Stat Membru skont il-ftehim ta' self permezz tal-RRF skont l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (UE) 2020/2094 jew bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094;
- (4) "perjodu ta' mġħax" tfisser perjodu ta' 12-il xahar, jew perjodu ieħor bħal dan li jista' jiġi speċifikat fl-avviż ta' konferma, li jibda mid-data tal-iżborż jew mid-data preċedenti tal-ħlas tal-imġħax;
- (5) "ġestjoni tal-likwidità" tfisser il-ġestjoni tal-flussi tal-flus relatati mal-istrumenti ta' finanzjament u l-iżborżi;
- (6) "operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU" tfisser operazzjonijiet fis-swieq, b'mod partikolari l-ħruġ ta' dejn, biex jittieħed b'self ammont ta' mhux aktar minn EUR 750 000 miljun fi prezzijiet tal-2018, skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053, inkluż self riportat;
- (7) "Operazzjonijiet tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU" tfisser operazzjonijiet tas-suq relatati mad-dejn li jirriżulta mill-operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU biex tiġi ottimizata l-istruttura tad-dejn pendenti u biex jittaffew ir-riskju tal-imġħax, il-likwidità u riskji finanzjarji oħra;
- (8) "strument ta' finanzjament fuq terminu qasir" tfisser finanzjament minn operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU għal terminu ta' sena jew inqas;
- (9) "strument ta' finanzjament fit-tul" tfisser finanzjament minn operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU għal perjodu ta' aktar minn sena.

## TAQSIMA 2

### KOMPARTIMENTI U L-KALKOLU TAL-KOSTIJIET

## Artikolu 3

### Perjodi ta' żmien

1. Kull perjodu ta' żmien jenħtieġ li jkun attiv għal perjodu ta' sitt xhur, li jibda mill-1 ta' Jannar jew mill-1 ta' Lulju. Madankollu, l-ewwel perjodu ta' żmien għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021. L-aħħar perjodu ta' żmien ta' attività għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2026.

2. Il-perjodu ta' żmien għandu jkun magħmul mill-iżborżi magħmula matul il-perjodu attiv tiegħu u mill-istrumenti ta' finanzjament relatati allokati għalih. Kwalunkwe żborż għandu jiġi attribwit għall-perjodu ta' żmien attiv fid-data ta' dak l-iżborż.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, f'każ li l-ammont tar-rikavati tal-istrumenti ta' finanzjament fit-tul attribwit għall-perjodu ta' żmien preċedenti jaqbeż l-ammont ta' żborżi attribwiti għal dak il-perjodu preċedenti f'konformità mal-ewwel subparagrafu, l-iżborżi għandhom jiġu allokati għall-perjodu ta' żmien preċedenti sakemm l-ammont totali ta' żborżi ta' dak il-perjodu ta' żmien preċedenti jilħaq l-ammont ta' rikavati tal-istrument ta' finanzjament fit-tul attribwit lilu.

3. L-istrumenti ta' finanzjament fit-tul għajr daww imsemmijin fil-paragrafu 4 għandhom jiġu attribwiti għall-perjodu ta' żmien li jkun attiv fil-mument tal-konklużjoni tal-operazzjoni mutwatarja tal-NGEU li ġġenerathom.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu:

- (a) strumenti ta' finanzjament stabbiliti bil-ħsieb li jiġi ffinanzjat żborż fil-perjodu ta' żmien li jkun imiss jistgħu jiġu attribwiti għal dak il-perjodu ta' żmien;
- (b) f'każ li l-ammont ta' żborżi fi tmiem il-perjodu ta' żmien attiv jaqbeż l-ammont ta' rikavat tal-istrumenti ta' finanzjament fit-tul, l-istrumenti ta' finanzjament fit-tul iġġenerati mill-operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU konklużi wara t-tmiem tal-perjodu attiv tal-perjodu ta' żmien għandhom jiġu attribwiti għal dak il-perjodu ta' żmien sakemm l-ammont ta' rikavati tal-istrumenti ta' finanzjament fit-tul jilħaq l-ammont ta' żborżi ta' dak il-perjodu ta' żmien.

4. L-istrumenti ta' finanzjament fit-tul li jissostitwixxu strumenti ta' finanzjament fit-tul li jimmaturaw għandhom jiġu attribwiti għall-istess perjodu ta' żmien.

#### Artikolu 4

### Kompartiment tal-ġestjoni tal-likwidità

1. Il-kompartiment tal-ġestjoni tal-likwidità għandu jopera sakemm il-fondi msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 jitħallsu kollha lura.
2. Il-kompartiment tal-ġestjoni tal-likwidità għandu jkun magħmul minn strumenti ta' finanzjament għal terminu qasir.

#### Artikolu 5

### Kalkolu tal-kostijiet

Il-kostijiet tal-finanzjament, il-kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità u l-kostijiet tas-servizzi għall-ispejjeż amministrattivi għandhom jiġu kkalkulati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### TAQSIMA 3

### FATTURAZZJONI

#### Artikolu 6

### Avviż ta' konferma

1. Fir-rigward ta' kull żborż, il-Kummissjoni għandha toħroġ avviż ta' konferma li jstabbilixxi t-termini tat-talba għall-ispejjeż.
2. L-avviż ta' konferma għandu jiddetermina t-termini għall-pagament tal-kostijiet tal-finanzjament u tar-ripagament tal-kapital fir-rigward ta' kull żborż.
3. L-avviż ta' konferma msemmi fil-paragrafu 1 għandu b'mod partikolari jkun fih l-elementi li ġejjin:
  - (a) l-ammont tal-iżborż;
  - (b) id-data ta' maturità;
  - (c) l-iskeda ta' ripagament;
  - (d) l-allokazzjoni tal-iżborż għal perjodu ta' żmien;
  - (e) il-perjodu tal-imgħax u d-data tal-pagament indikata tal-kost tal-finanzjament.
4. L-avviż ta' konferma għas-self għandu jkun fih ukoll elementi addizzjonali indikati fil-ftehimiet ta' self permezz tal-RRF.

*Artikolu 7***Fatturazzjoni tal-kostijiet ta' finanzjament**

Il-Kummissjoni għandha toħroġ fattura tal-ispejjeż tal-finanzjament fi tmiem il-perjodu tal-imgħax imsemmi fl-Artikolu 2(4). Fir-rigward tal-iżborżi bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/2094, il-fatturi jistgħu jinġabru f'kull trimestru tas-sena kalendarja.

*Artikolu 8***Fatturazzjoni tal-kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità**

Il-Kummissjoni għandha toħroġ fattura tal-kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità fil-bidu ta' kull sena kalendarja għall-kostijiet imġarrba matul is-sena kalendarja preċedenti.

*Artikolu 9***Fatturazzjoni tal-kostijiet tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi**

Il-Kummissjoni għandha toħroġ fattura lill-Istati Membri li jibbenefikaw minn self permezz tal-RRF għall-kost tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi mġarrba matul is-sena kalendarja preċedenti.

## TAQSIMA 4

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 10***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2021.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

1. **Kalkolu tal-kost tal-finanzjament**

Il-kost tal-finanzjament għandu jiġi kkalkulat fil-fażijiet li ġejjin:

Fażi 1: Kalkolu tal-kostijiet totali ta' kuljum ta' strument ta' finanzjament individwali f'perjodu ta' żmien jew f'kompartment tal-ġestjoni tal-likwidità

Id-dovuti ta' kuljum għandhom jiġu kkalkulati:

$$ACC_{daily} = (notional:100) * coupon * (1:days p.a.)$$

Għal kull strument ta' finanzjament, l-agio/id-disagio għandhom jitqassmu b'mod lineari tul ħajjet l-istrument:

$$Agio/disagio_{ta' kuljum} = (100 - prezz tal-ħruġ) : (data tal-maturità - data tal-ħruġ)$$

meta l-prezz tal-ħruġ = Prezz li jinkludi kollox (inklużi t-tariffi bankarji)

Għal kull strument ta' finanzjament, il-kostijiet totali ta' kuljum għandhom jiġu kkalkulati:

$$CoF_{ta' kuljum għal kull strument} = ACC_{ta' kuljum} + agio/disagio_{ta' kuljum}$$

Fażi 2: Kalkolu tal-kostijiet totali aggregati ta' kuljum tal-finanzjament

Għal kull perjodu ta' żmien (TC1-TC11), il-kostijiet totali ta' kuljum għall-kompartment qabel ma jiġu bbilanċjati l-bilanċi tal-likwidità għandhom ikunu s-somma tal-kostijiet totali ta' kuljum kollha ta' kull strument ta' finanzjament attribwit għall-perjodu ta' żmien:

$$CoF_{TC(x) ta' kuljum qabel l-ibbilanċjar} = \sum CoF_{ta' kuljum għal kull strument allokati għat-TC(x)}$$

Għall-kompartment tal-ġestjoni tal-likwidità l-kost ta' kuljum tal-finanzjament għandu jkun:

$$CoF_{LMC ta' kuljum qabel l-ibbilanċjar} = \sum CoF_{ta' kuljum għal kull strument allokati għal-LMC}$$

Fażi 3: Il-kalkolu tal-bilanċ tal-likwidità ta' kuljum fil-perjodu ta' żmien

Il-livell tal-bilanċ tal-likwidità ta' kuljum f'perjodu ta' żmien għandu jiġi kkalkulat ta' kuljum kif ġej:

$$Likwidità_{TC(x) ta' kuljum} = Dħul [Ħruġ ta' rikavat + Imgħax_{self/għotjiet} + Ripagamenti_{self/għotjiet}] - Ħruġ [Żborżi + Kupuni_{dejnpendenti} + Tifdija tad-Dejn]$$

Fażi 4: Il-kalkolu tal-kost ta' kuljum tas-sehem tal-istrumenti ta' finanzjament bħala surplus ta' likwidità ta' parjodu ta' żmien

Il-kostijiet ta' kuljum tal-finanzjament relatati mas-sehem tal-istrumenti ta' finanzjament ta' riżultat pożittiv tal-fażi 3 ("surplus ta' likwidità") għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$CoF_{surplus tal-likwidità ta' kuljum ta' TC (surplus)} = CoF_{TC ta' kuljum (surplus) qabel l-ibbilanċjar} * Likwidità_{TC ta' kuljum (surplus)} : TC (surplus)$$

Fażi 5: Il-kalkolu tal-kost tal-finanzjament ta' perjodu ta' żmien u l-kost tal-kompartment tal-ġestjoni tal-likwidità f'każ ta' perjodu ta' żmien b'surplus ta' likwidità

Is-surplus tal-likwidità għandu jiġi ttrasferit mill-perjodu ta' żmien rispettiv għall-kompartment tal-ġestjoni tal-likwidità.

Il-kostijiet tal-finanzjament ta' dak il-perjodu ta' żmien minn fejn jiġi ttrasferit is-surplus tal-likwidità għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$CoF_{TC ta' kuljum (surplus) wara l-ibbilanċjar} = CoF_{TC ta' kuljum (surplus) qabel l-ibbilanċjar} - CoF_{surplus tal-likwidità ta' kuljum ta' TC (surplus)}$$

Il-kost tal-surplus tal-kompartment tal-ġestjoni tal-likwidità li jirċievi s-surplus tal-likwidità għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$CoF_{LMC ta' kuljum wara l-ibbilanċjar} = CoF_{LMC ta' kuljum qabel l-ibbilanċjar} + \sum CoF_{surplus tal-likwidità ta' kuljum ta' TC (surplus)}$$

Fażi 6: Il-kalkolu tal-kost tal-finanzjament tal-perjodu ta' żmien b'defiċit ta' likwidità



Ir-riżultat negattiv tal-fażi 3 (“defiċit ta’ likwidità”) f’perjodu ta’ żmien għandu jiġi bbilanċjat bi trasferiment ta’ likwidità mill-kompartiment tal-ġestjoni tal-likwidità skont il-kostijiet tal-finanzjament tiegħu ta’ kuljum (Fażi 5).

$$\text{CoF}_{\text{trasferiment ta' likwidità ta' kuljum mil-LMC}} = \text{CoF}_{\text{LMC ta' kuljum wara l-ibbilanċjar}} * \text{Ammont ta' trasferiment: LMC}$$

$$\text{CoF}_{\text{TC ta' kuljum (defiċit) wara l-ibbilanċjar}} = \text{CoF}_{\text{TC ta' kuljum (defiċit) qabel l-ibbilanċjar}} + \text{CoF}_{\text{trasferiment ta' likwidità ta' kuljum mil-LMC}}$$

Fażi 7: Il-kalkolu tal-kost ta’ kuljum tal-finanzjament tal-iżborż

Il-kost ta’ kuljum tal-finanzjament tal-iżborż għandu jkun il-kost ta’ kuljum tal-finanzjament tal-perjodu ta’ żmien wara l-ibbilanċjar immultiplikati bis-sehem relattiv tal-iżborż apparagun tal-perjodu ta’ żmien li għalih jiġi allokat.

$$\text{CoF}_{\text{żborż fit-TC(x)}} = \text{CoF}_{\text{TC(x) ta' kuljum wara l-ibbilanċjar}} * \text{ammont pendenti ta' żborż: } \sum \text{żborżi pendenti fit-TC(x)}$$

## 2. Kalkolu tal-Kost tal-Ġestjoni tal-Likwidità

Il-kost tal-ġestjoni tal-likwidità (LIQM) għandu jiġu kkalkulati kull trimestru ta’ sena kalendarja kif ġej:

$$\text{LIQM}_{\text{ta' trimestru}} = \sum \text{CoF}_{\text{LMC ta' kuljum wara l-ibbilanċjar matul it-trimestru}} - \text{RoI tal-parteeċipazzjonijiet tal-likwidità ta' trimestru}$$

B’deroga mill-ewwel subparagrafu, il-kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità matul il-perjodu mill-1 ta’ Ġunju 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2021 għandhom jiġu kkalkulati għal dan il-perjodu kollu kif ġej.

$$\text{LIQM}_{2021} = \sum \text{CoF}_{\text{LMC ta' kuljum wara l-ibbilanċjar 2021}} - \text{RoI tal-parteeċipazzjonijiet tal-likwidità}_{2021}$$

Il-LIQM ta’ kull trimestru għandu jiġi attribwit għal kull żborż kif ġej:

$$\text{LIQM tal-iżborż} =$$

$$\text{LIQM}_{\text{ta' trimestru}} *$$

$$\text{żborż pendenti}_{\text{fi tmiem it-trimestru: } \sum \text{żborżi pendenti}_{\text{fi tmiem it-trimestru}}$$

## 3. Kalkolu tal-Kost tas-Servizz għall-ispejjeż amministrattivi

Il-kostijiet tas-servizz għall-ispejjeż amministrattivi għandhom jinkludu spejjeż amministrattivi rikorrenti u spejjeż ta’ stabbiliment għal self permezz tal-RRF.

### 3.1. Kalkolu tal-ispejjeż amministrattivi rikorrenti

L-ispejjeż amministrattivi rikorrenti għandhom jinkludu kwalunkwe kost li ġġarrab mill-Kummissjoni fl-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji u tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU, li jinkludu t-tipi li ġejjin:

- (a) tariffi legali, inklużi tariffi mġarrba għal opinjonijiet legali;
- (b) spejjeż rikorrenti għall-ġestjoni tal-kont;
- (c) spejjeż għall-awditjar estern;
- (d) tariffi għall-manutenzjoni tal-pjattaforma tal-irkant;
- (e) tariffi tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni;
- (f) tariffi għall-elenkar, it-taxxi, ir-reġistrazzjoni, il-pubblikazzjoni u s-saldu;
- (g) tariffi għat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- (h) spejjeż relatati mar-riċerka tas-suq.

Sa fejn dawn il-kostijiet ikunu komuni għall-operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU implimentati għal programmi oħra ta’ assistenza finanzjarja, il-kostijiet inklużi fil-kalkolu għandhom jiġu kkalkulati bħala s-sehem *pro rata* attribwit għall-operazzjonijiet mutwatarji tal-NGEU u għall-operazzjonijiet tal-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fis-sena kalendarja rilevanti. Dawn l-ispejjeż ma għandhomx ikunu dovuti fir-rigward ta’ self permezz tal-RRF għas-sena 2021.

L-ispejjeż amministrattivi rikorrenti għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$l\text{-ispejjeż amministrattivi rikorrenti annwali}_{\text{total}} = \sum \text{elementi ta' kost amministrattivi rikorrenti għas-sena kalendarja}$$

L-ispejjeż amministrattivi rikorrenti għandhom jiġu allokatati kif ġej:

$$l\text{-ispejjeż amministrattivi rikorrenti annwali}_{\text{għal kull benefiċjarju}} = l\text{-ispejjeż amministrattivi rikorrenti annwali}_{\text{total}} * \sum \text{żborż pendenti għall-benefiċjarju}_{\text{fi tmiem is-sena}} : \sum \text{żborż pendenti}_{\text{fi tmiem is-sena}}$$

### 3.2. Kalkolu u allokkazzjoni tal-kostijiet ta' stabbiliment

Il-kostijiet tal-istabbiliment għandhom jinkludu kwalunkwe kost imġarrab mill-Kummissjoni fit-tweqqi ta' operazzjonijiet mutwatarji u operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn tal-NGEU jew għall-assistenza teknika fir-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet, inkluż il-kost relatat ma':

- l-istabbiliment ta' kontijiet tal-NGEU;
- l-istabbiliment ta' pjattaforma tal-irkant;
- l-istabbiliment ta' għodda għall-ġestjoni tal-investituri;
- kostijiet oħra tat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- ir-riċerka tas-suq;
- it-tariffi ta' konsulenza.

Il-kostijiet tal-istabbiliment għal kull benefiċjarju ta' self permezz tal-RRF għandhom jiġu kkalkulati fil-fażijiet li ġejjin:

i. Il-kostijiet ta' stabbiliment għal self permezz tal-RRF għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$\text{kostijiet tal-istabiliment}_{\text{għal self permezz tal-RRF}} = 48\% * \sum \text{elementi tal-kostijiet tal-istabiliment}$$

ii. Il-kostijiet tal-istabbiliment għas-self permezz tal-RRF għandhom jiġu allokatati għas-snien 2021, 2022 u 2023 għal kull Stat Membru li jkun iffirma ftehim ta' self permezz tal-RRF fis-sena tal-iffirmar tiegħu, kif ġej:

$$\text{kostijiet tal-istabiliment}_{\text{għal kull self permezz tal-RRF iffirmat}} = \text{kostijiet tal-istabiliment}_{\text{għal self permezz tal-RRF}} *$$

ammont ta' self iffirmat għal kull Stat Membru  $_{\text{fi tmiem is-sena}}$  : ammont massimu totali ta' self permezz tal-RRF disponibbli għall-Istati Membri kollha

iii. Mill-1 ta' Jannar 2024, kwalunkwe kost ta' stabbiliment mhux allokat għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\text{kost ta' stabbiliment mhux allokat għal self permezz tal-RRF} = \text{kostijiet ta' stabbiliment}_{\text{għal self permezz tal-RRF}} -$$

$$\sum \text{kost ta' stabbiliment allokat għal self permezz tal-RRF}_{\text{fi 2021, 2022 u 2023}}$$

Dawn għandhom jiġu allokatati bħala kostijiet ta' stabbiliment addizzjonali għall-iżborżi lill-Istati Membri skont il-ftehim ta' self permezz tal-RRF kif ġej:

$$\text{kost ta' stabbiliment addizzjonali}_{\text{għal kull benefiċjarju}} = \text{kost ta' stabbiliment mhux allokat għal self permezz tal-RRF}_{\text{fi tmiem l-2023}} *$$

$$\sum \text{ammonti ta' selfiet iffirmati}_{\text{għal kull benefiċjarju}_{\text{fi tmiem l-2023}}} : \text{ammont totali ta' selfiet fil-ftehimiet ta' self permezz}$$

$$\text{tal-RRF iffirmati}_{\text{fi tmiem l-2023}}$$

### 3.3. Kalkolu tal-Kost tas-Servizz għal kull benefiċjarju

$$\text{ADMIN CoS}_{\text{Annwalment}} = \sum \text{Elementi tal-ispejjeż amministrattivi rikorrenti} + \sum \text{Elementi tal-ispejjeż amministrattivi tal-istabiliment}$$

## 4. Glossarju tal-akronimi

ACC <sub>daily</sub>	Kostijiet tal-imgħax akkumulat għal kull strument ta' finanzjament imqassam skont il-jum
ADMIN CoS <sub>Annwalment</sub>	Total tal-ispejjeż amministrattivi matul is-sena kalendarja
agio/disagio <sub>ta'</sub> kuljum	Agio jew disagio bbażati fuq il-prezz ta' ħruġ kumplessiv imqassam skont il-jum

Benefiċjarju	L-Istati Membri li jirċievu żborż għal self permezz tal-RRF u l-baġit tal-Unjoni li jirċievi żborż bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2020/2094
COF ta' pretensjoni individwali f <sup>TC(x)</sup>	COF ta' pretensjoni f'perjodu ta' żmien X
CoF <sub>ta'</sub> kuljum għal kull strument	COF ta' kuljum għal kull strument ta' finanzjament
CoF <sub>LMC</sub> ta' kuljum wara l-ibbilanċjar	COF ta' kuljum għal-LMC wara l-ibbilanċjar
CoF <sub>LMC</sub> ta' kuljum qabel l-ibbilanċjar	COF ta' kuljum għal-LMC qabel l-ibbilanċjar
CoF <sub>TC</sub> ta' kuljum (defiċit) wara l-ibbilanċjar	CoF ta' kuljum wara l-ibbilanċjar tal-kompartimenti b'defiċit ta' likwidità inizjali
CoF <sub>TC</sub> ta' kuljum (surplus) wara l-ibbilanċjar	CoF ta' kuljum wara l-ibbilanċjar tal-kompartimenti b'surplus ta' likwidità inizjali
CoF <sub>TC</sub> ta' kuljum (x) qabel l-ibbilanċjar	CoF ta' kuljum qabel l-ibbilanċjar tal-kompartiment X
CoF <sub>surplus</sub> tal-likwidità ta' kuljum ta' TC (surplus)	CoF ta' kuljum relatat mas-surplus tal-likwidità fil-perjodu ta' żmien
CoF <sub>trasferiment</sub> ta' likwidità ta' kuljum mil-LMC	CoF ta' kuljum relatat mal-likwidità li tiġi ttrasferita lil-LMC
Kupun	Imgħaxijiet imħallsa mill-emittent fuq il-bond
Likwidità <sub>TC(x)</sub>	Ammont ta' likwidità fil-perjodu ta' żmien X
LMC	Kompartiment tal-ġestjoni tal-likwidità
LIQM <sub>ta'</sub> trimestru	Kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità matul trimestru
nozzjonali	Ammont nominali
ROI tal-parteċipazzjonijiet tal-likwidità <sub>ta'</sub> trimestru	Redditu fuq l-investment tal-parteċipazzjonijiet tal-likwidità matul trimestru
TC(x)	Is-somma totali tal-pretensjonijiet u l-likwidità tal-perjodu ta' żmien X